MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2012

Talba Numru. 1009/2011

**Mario Borg Noe**

**Vs**

**Soveriegn Hotels Limited et**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba fl-ismijiet premessi pprezentat fl-1 ta' Dicembru 2011 fejn l-attur talab illi s-socjeta konvenuta ghandha tigi kkunddannata thallas lil-attur s-somma ta' elf mija u hames Ewro u wiehed u hamsin centezmu (€1,105.51) rapprezentanti hlas ta servizz ta' skips kif ukoll it-tindif u l-gbir taghhom mghoti mill-attur lill-konvenut jew minn minnhom fuq inkarigu u ghall-beneficcju tagghom.

Illi ghalkemm interpellati diversi drabi baqghu inadempjenti.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta konvenuta , bl-imghax legali mit-12 ta Lulju 2010 sad-data tal-pagament effettiv inkluz dawk tal-Ittra Gudizzjarja pprezentata a tenur tal-Artiklu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta Malta.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-attur ghas-subizzjoni tas-socjeta konvenuta sabiex twiegeb ghalihom bil-gurament taghha u biex b'hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ppruvat (Artiklu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti tal-14 ta' Mejju 2012 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mil-attrici fis-seduta fl-14 ta' Mejju 2012 u filfatt is-socjeta konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa t-talba u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lill-attrur s-somma ta' elf mija u hames ewro u wiehed u hamsin centezmu (€1,105.51) bl-imghax legali mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez ikunu a karigu tal-konvenut inkluz dawk tal-Ittra Gudizzjarja pprezentata f'Awissu 2011.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------